# KUNSILL LOKALI MTARFA

---

**IS-SITT LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**LAQGĦA NUMRU 51 – IL-ĦAMIS 16 TA' ĠUNJU 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata : | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Ma kienx hemm persuni jattendu.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 49**

1.1 Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa Nru. 49 mingħajr emendi u ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI 49**

2.1 Is-SE infurmat li wara li sar l-*audit* dwar il-proġett tal-bosk, hija kienet irċeviet kommunikazzjoni minn ARPA fejn dawn kienu qed jitolbu li l-Kunsill jagħmel rifużjoni ta' €32,298.71. Hija infurmat li €22,143.17 minnhom kienu qegħdin fil-kont miftuħ apposta għal dan il-proġett u għaldaqstant diġà kienet irranġat biex dawn jitħallsu lura. Min-naħa l-oħra kienet qed toġġezzjona u daħħlet ittra ta' appell dakinhar stess fuq il-kumplament minħabba li dan l-ammont kien jirrigwardja *Claim* ta' Alberta li kienet għaddiet lill-ARPA f'Diċembru 2015 flimkien ma' numru ta' *claims* oħra u li għal xi raġuni, l-*Managing Authority* kienu approvaw li jsir il-ħlas f'Jannar 2016, jiġifieri wara d-deadline sa meta suppost saru l-ħlasijiet kollha.

2.2 Is-SE infurmat li kienet fakkret lill-Perit dwar il-kwistjoni tal-entratura tal-bosk kif ukoll dwar numru ta' xogħlijiet oħra li xtaq li jattwa l-Kunsill, bħal xogħlijiet fuq bankini, ri-organizzazzjoni ta' parkeġġi, eċċ.

2.3 Is-SE infurmat li l-kumpanija TCTC kienet aċċettat il-proposta tal-Kunsill li din is-sena jitħallsu biss €500 għall-korsijiet tal-kompjuter fl-Imtarfa u fil-fatt l-applikazzjonijiet kienu miftuħa u diġà bdew jimtlew il-klassijiet.

2.4 Fir-rigward tal-*bring in sites*, is-SE infurmat li dawn kienu tneħħew kollha sal-Ġimgħa 3 ta' Ġunju. Jidher li ħlief għal ħdejn l-iskola sekondarja, s'issa mhux qed

ikun hemm min jarmi l-iskart tiegħu minn fejn tneħħew l-iskips. Uħud mill-affarijiet kbar li ntremew kienu ġew imnaddfa mill-kuntrattur tal-iskart goff filwaqt li oħrajn tnaddfu mill-kollettur tal-iskart/kennies. Sadanittant, infurmat li matul dik il-ġimgħa kienu bdew jeħlu t-tabelli biex jiġi indikat fejn se jintrama l-iskart tal-blokok kif ukoll jitqassmu l-ittri lir-residenti. L-iskips kollha kienu se jitneħħew nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2016.

2.5 Kien hemm qbil li minn Triq Gregorio Caraffa possibbilment għandhom jitnaqqsu xi numru mill-iskips u minflok jizdiedu fi Triq ir-Reġimenti Maltin. Il-Kunsillier Mifsud talab biex il-kollettur tal-iskart ma jġemmax l-iskart fil-kantunieri imma jiġborhom hu u għaddej mit-toroq ħalli ma tinħoloqx inkonvenjenza lir-residenti. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel arranġamenti mal-LESA sabiex jiġabu gwardjani lokali biex jgħinu fil-kampanja edukattiva għal ħmistax sħaħ, filgħodu fis-7:00am u flgħaxija fl-4pm għal siegha kull darba. Kien hemm qbil li possibbilment għandna nitolbu lill-Iskola Primarja għall-għajnuna biex nedukaw lill-istudenti u awtomatikament jitwassal il-messaġġ lill-ġenituri.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku talab lis-SE biex tibqa' tinsisti mal-periti tal-Kunsill biex jieħdu ħsieb ix-xogħlijiet varji li għaddielhom il-Kunsill. Is-SE infurmat li kienet se terġa' tfakkarhom.

3.2 Is-Sindku informa li kien hemm żvilupp fir-rigward tad-dawl f'Binja Msieraħ. Fil-preżent il-Kunsill kien qed jistenna konferma min-naħa tal-*engineer* tal-Kunsill dwar ix-xogħlijiet li saru xi snin ilu mill-*electrician* tal-Kunsill biex nassiguraw li kollox huwa konformi mal-linji gwida tal-Enemalta.

3.3 Is-Sindku qal li kellu suġġeriment biex issir grada ħdejn ix-xelter. Kien hemm qbil li s-SE għandha titlob lill-kuntrattur sabiex itella' ħajt u jagħmel grada biex jingħalaq l-aċċess. Kien hemm qbil ukoll li s-SE għandha tivverifika kemm jiswa biex l-entratura tinkesa bil-konkos minħabba li bħalissa qegħda perikoluża u mimlija ħaxix.

3.4 Is-Sindku staqsa dwar il-ħajt ta' fuq il-garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa. Kien hemm qbil li s-SE għandha ġġib stima ta' kemm jiswa l-ħajt u din l-istima tintbagħat lill-amministratur tal-binja biex jitneħħa l-periklu.

3.5 Is-Sindku informa li kien hemm xi ħadd li ssuġġerixxa xi tip ta' *street art* għat-taraġ ta' Triq l-Istazzjon. Kien hemm qbil li s-SE għandha ġġib stima u proposta ta' x'jista' jsir f'dan it-taraġ.

3.6 Is-Sindku qal li huwa jemmen li l-Kunsill għandu jixtri numru ta' CCTV cameras inkella nibqgħu ninsistu mal-LESA li jagħmlu xi cameras huma fil-lokalità. Is-Sindku qal li huwa vverifika ma' xi Kunsilli oħra dwar il-proċedura u jidher li s-Sindku qed jitla' jixhed hu. Huwa qal li lest li kull meta jkun hemm xi taħrika huwa jmur jixhed f'isem il-Kunsill. Talab lill-Kunsilliera preżenti biex kemm-il darba ma jkunx jista' jattendi hu, ikun hemm xi ħadd minnhom li jattendi minfloku. Il-Kunsillier Mifsud issuġġerixxa li jkun hemm CCTV's hdejn il-*bring in sites* kollha. Kien hemm qbil li s-SE għandha ġġib stima għal 5 CCTV's.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-listi tal-pagamenti, kopja tagħhom mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u mis-SE.

4.2 Kien hemm qbil li għandha tinħareġ talba għall-kwotazzjoni pubblika għall-proviżżjoni tal-ilma tal-ġonna.

## 5. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TA' KULL KWART (OTTUBRU – DIĊEMBRU 2015)

5.1 L-Accountant infurmat li l-Kunsill kien spiċċa s-sena 2015 b'indikatur finanzjarju tassew favorevoli, dak ta' 23.89%, meta bil-liġi huwa mitlub li jkun mill-inqas 10%. Dan ifisser li saħħaħ naqra aktar s-*savings* tiegħu biex b'hekk, wara li jinqata' l-ammont tal-10% kif ukoll €20,266.14 li fadal mill-ammont li kien mgħoddi mid-DLG għar-rikostruzzjoni ta' Triq il-Kav. Bonello u Triq l-Anzjani, issa se jkun fadallu ammont sa massimu ta' €12,628 li jistgħu jintefqu fuq xi proġett.

5.2 Fuq rakkomandazzjoni tal-*accountant* kien hemm qbil li jinfetħu kontijiet bankarji biex kemm l-10% kif ukoll il-flus li fadal mir-rikostruzzjoni ta' dawn iż-żewġ toroq ikunu ssalvagwardjati u ma jkunx hemm bżgħa li jistgħu jintmissu.

5.3 Ir-rapport ta' kull kwart għall-perjodu Ottubru-Diċembru 2015 hekk kif imhejji mill-*accountant* Romina Perici Ferrante ġie approvat. Kopja tiegħu hija mehmuza.

## 6. IL-PJAN TA' TLIET SNIN

6.1 Is-SE fakkret lill-Kunsill sabiex bħal kull sena, jgħaddulha xi proposti li seta' jkollhom biex jidħlu fil-pjan ta' tliet snin.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-KWOTAZZJONI PUBBLIKA MTFLC/Q/02/2016

7.1 Is-SE kienet għaddiet kopja tax-*schedule of rates* li jirrigwardjaw il-kwotazzjoni pubblika għal tindif tal-latrini pubbliċi.

7.2 Il-Kunsill qabel li jiddiskuti dawn ir-rati u għaldaqstant il-laqgħa twaqqfet temporanjament.

7.3 Il-laqgħa tkompliet wara ftit minuti ta' diskussjoni.

7.4 Kien hemm qbil unanimu li din l-offerta tingħata lil M.C. Gatt, li kien l-irħas offerent sakemm jikkonvincina li jista' jlaħħaq mal-*commitments* li diġà għandu mal-Kunsill.

## 8. TNEĦĦIJA TAL-ISKIPS IL-ĦODOR MIL-LOKALITÀ

8.1 Is-SE infurmat li din l-informazzjoni diġà kienet ġiet irrapurtata aktar qabel fil-kommunikazzjonijiet.

## 9. REMEMBRANCE PROJECT / MILITARY MTARFA

9.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet 2 kwotazzjonijiet għal servizzi ta' *re-enactment* waqt l-attività ta' Military Mtarfa għal din is-sena. Waħda minnhom kienet ta' *WW2 Living History Group* u kienet għal €1160. Il-kwotazzjoni l-oħra kienet mingħand il-*Battlefront Living History Group* u l-ammont kien ukoll għal €1160. Dawn bejniethom kienu se jkunu qed jagħmlu r-*reenactment* kollu għal ġurnata sħiħa u kienu se jġibu magħhom ukoll armamenti biex jintuzaw u/jew jiġu esposti kif ukoll

muturi u makkinarju ieħor tat-Tieni Gwerra Dinjija. Hija infurmat li din id-darba kien se jkun hemm zewġ gruppi li se jinqasmu bejn truppi Inglizi u oħrajn Ġermanizi u dawn kienu se jieħdu sehem f'numru ta' battalji kontra xulxin. Iz-zewġ gruppi kienu wegħdu wkoll li se jippruvaw iġibu xi *re-enactors* barranin biex jgħinu matul il-ġurnata.

9.2 Il-Kunsill qabel li għandu jmexxi biz-zewġ kwotazzjonijiet ladarba huma l-qalba tal-attività u huma t-tnejn taħt l-ammont ta' *direct order*.

9.3 Is-SE infurmat ukoll li sabiex l-attività tirnexxi kien hemm bzonn ukoll ta' ammont ta' splussivi *blank* biex jiġu sparati miz-zewġ gruppi ta' *re-enactors*. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm ikunu taħt l-ammont ta' *direct order*.

9.4 Is-SE infurmat li sal-ġurnata kienet għadha ma ġietx mgħarrfa mid-DLG kemm kienet se tkun l-għajnuna finanzjarja li se jingħata l-Kunsill għal din l-attività. L-ammont li kellu l-Kunsill għall-attività ta' MM s'issa kien ta' madwar €7500 magħmul minn €5000 ivvutati mill-fondi tiegħu u madwar €2500 li fadal mill-fond tal-proġett LUNF.

## 10. PUNTI OĦRA

10.1 Is-SE infurmat li f'Ottubru li ġej fil-binja tal-Kunsill kien se jingħata bidu għal kors fil-Lingwa Taljana flimkien mad-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja (*Lifelong Learning*).

10.2 Is-SE infurmat li l-kuntrattur Elles seta' jagħmel tindif taż-żona ta' ħdejn l-Iskola u qlugħ ta' siġar mhux indiġeni fl-istess żona għall-prezz ta' €590. Kien hemm qbil li dan ix-xogħol għandu jsir sabiex tissebbaħ din iż-żona. Is-SE infurmat li sadanittant il-ħaddiema tal-Kunsill kienu qed ikaħħlu u jiżbgħu ċ-ċnut mad-dawra u li kienet għamel arranġamenti wkoll mal-PARKS biex jiġu jħawlu 10 siġriet matul il-ġranet li ġejjin.

10.3 Is-SE infurmat li kienet bagħtet talba formali lill-Awtorità tad-Djar għall-kiri tal-kamra tal-periti wara li xi ġranet qabel kienu ntbagħtu xi ħaddiema biex ibiddlu l-katnazzi tagħha.

10.4 Il-Kunsillier Mifsud informa li bħala Reġjun Tramuntana kellhom laqgħa mal-Ministeru sabiex jgħaddilhom xi fondi li bihom ikunu jistgħu jgħinu lill-Kunsilli Lokali fi ħdanhom biex jorganizzaw l-attivitajiet nazzjonali tagħhom. Huwa għandu jikkonferma aktar 'il quddiem meta jkollu ċertezza dwar jekk dawn ġewx approvati jew le.

10.5 Il-Kunsillier Mifsud informa li r-Regjun se jkun qed jorganizza xi attivitajiet sportivi għar-residenti tal-lokalitajiet tiegħu. Se jsiru 3 attivitjajiet differenti, eżattament *beach volley* ġewwa l-Mellieħa, attività għat-tfal taħt is-16-il sena fejn se jsir sajd fil-bajja tal-Ġnejna; u numru ta' logħob tipo *giochi senza frontieri* bejn kull kunsill tar-reġjun fil-pjazez.

10.6 Il-Kunsillier Mifsud informa wkoll li bħala reġjun kien informa li kienet inżammet laqgħa dwar xi fondi tal-arti u mill-Imtarfa kienu attendew l-Imtarfa Drama Group. Huwa informa li r-Reġjun kellu l-ħsieb li jorganizza grupp tad-drama wieħed għar-reġjun kollu.

## 11. AĠĠORNAMENT

11.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-8:45pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-13 ta' Lulju 2016 fis-7:30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Daniel John Attard**
**Sindku**